

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 101

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64  
23 ta' Marzu 2021

Werrej

III *Atti preparatorji*

IL-QORTI TAL-AWDITURI

2021/C 101/01

Opinjoni Nru 1/2021 (*skont l-Artikolu 322 TFUE*) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (*COM(2020) 854 final*) 1

MT



## III

*(Atti preparatorji)*

## IL-QORTI TAL-AWDITURI

**OPINJONI Nru 1/2021***(skont l-Artikolu 322 TFUE)***dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit***(COM(2020) 854 final)**(2021/C 101/01)***WERREJ**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1–7	2
L-Ewwel Parti: Kummenti ġenerali	8–14	4
Arkitettura tar-RAB	8–12	4
Awditjar u obbligu ta' rendikont	13–14	5
It-Tieni Parti: Kummenti speċifiċi	15–23	5
Perjodu ta' eliġibbiltà	15–16	5
Kalkolu tal-prefinanzjament	17	5
Eliġibbiltà tan-nefqa	18	6
Metodoloġija tal-kampjunar	19	6
Taxxa fuq il-valur miżjud	20	6
Dikjarazzjoni ta' ġestjoni	21	6
Rappurtar u evalwazzjoni	22–23	6

## IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 322 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-25 ta' Diċembru 2020 ("il-proposta"),

Wara li kkunsidrat it-talbiet li saru mill-Parlament u mill-Kunsill, fl-20 ta' Jannar 2021, għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament Finanzjarju"),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(2)</sup> ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"),

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### Introduzzjoni

1. Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ħareġ mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020, meta daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ inkluda dispożizzjoni għal perjodu ta' tranżizzjoni, li dam sal-31 ta' Diċembru 2020 u ggarantixxa kundizzjonijiet ta' "żamma tal-*istatus quo*" għaċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji kemm fl-UE kif ukoll fir-Renju Unit.

2. Filwaqt li ż-żewġ naħat qablu dwar Ftehim ġdid dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit <sup>(3)</sup> fl-24 ta' Diċembru, dan kien ifisser li, mill-1 ta' Jannar 2021, l-UE u r-Renju Unit issa jiffurmaw żewġ swieq separati u żewġ spazji regolatorji u legali distinti. Inħolqu ostakli għall-kummerċ ta' oġġetti u servizzi u għall-mobbiltà transfruntiera, b'konsegwenzi għall-amministrazzjoni pubblika, in-negozji, iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati fuq iż-żewġ naħat.

3. Fil-konklużjonijiet għal-laqgħa speċjali tiegħu tas-17-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew ħabbar l-istabiliment ta' strument speċjali ġdid, ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit ("ir-RAB"), b'allokazzjoni totali ta' EUR 5 biljun fi prezzijiet tal-2018. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal regolament.

4. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha f'Diċembru 2020. Ir-RAB għandha l-għan li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lis-setturi li huma affettwati bl-akbar severità mill-ħruġ tar-Renju Unit, u b'hekk ittaffi l-impatt negattiv fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. L-Istati Membri kollha se jkunu eliġibbli għall-appoġġ mir-RAB.

<sup>(1)</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.


<sup>(2)</sup> ĠU C 384 I, 12.11.2019, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.

5. Huwa propost li r-RAB tiġi attivata f'żewġ allokkazzjonijiet — l-ewwel waħda fl-2021 fil-forma ta' prefinanzjament sostanzjali b'valur ta' EUR 4 biljun. Il-metodoloġija għad-distribuzzjoni tas-sehem ta' kull Stat Membru mill-prefinanzjament tkun ibbażata fuq żewġ fatturi prinċipali: il-kummerċ mar-Renju Unit u l-ħut maqbud fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Renju Unit <sup>(4)</sup>. Il-**Figura 1** turi kif, bl-użu ta' dak il-metodu, il-prefinanzjament ikun kondiviż fost l-Istati Membri.

Figura 1

**Allokkazzjoni tal-prefinanzjament (kriterji dwar il-kummerċ u l-ħut)**



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

6. L-Istati Membri jkollhom sat-30 ta' Settembru 2023 biex japplikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mir-RAB. L-ammont li jifdal ta' EUR 1 000 000 ikun ikopri kwalunkwe nefqa eliġibbli li taqbeż l-ammont imħallas fil-prefinanzjament, iżda fil-limiti tar-riżorsi totali disponibbli. Il-kontribuzzjonijiet addizzjonali mir-RAB jkunu jitħallsu prinċipalment fl-2024.

<sup>(4)</sup> L-Anness I għall-proposta.


7. Il-bażi ġuridika <sup>(5)</sup> għall-proposta tal-Kummissjoni tirrikjedi konsultazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), u l-Parlament Ewropew <sup>(6)</sup> u l-Kunsill <sup>(7)</sup> talbu lill-QEA għall-opinjoni tagħha. Din l-opinjoni hija rispons għal dik it-talba; hija intenzjonata li tikkontribwixxi għall-eżaminar tal-proposta tal-Kummissjoni mil-leġislaturi. Għal dak il-fini, aħna nipprovdur kummenti ġenerali u speċifiċi li fihom, fost affarijiet oħra, nenasizzaw il-kwistjonijiet prinċipali involuti u r-riskji assoċjati.

**L-Ewwel Parti: Kummenti ġenerali**

*Arkitettura tar-RAB*

8. Il-proposta tippovdi li l-perjodu ta' referenza (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-perjodu ta' eliġibbiltà") għall-implimentazzjoni tal-miżuri biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit ikun mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2022. L-Istati Membri jkollhom sat-30 ta' Settembru 2023 biex jippreżentaw applikazzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja, billi jagħtu dettalji tan-nefqa pubblika totali mġarrba matul il-perjodu ta' eliġibbiltà <sup>(8)</sup>. L-applikazzjonijiet ikunu akkumpanjati minn rapport ta' implimentazzjoni li jiddeskrivi x'miżuri ta' mitigazzjoni ttieħdu u kif ġew implimentati, kif ukoll dikjarazzjoni ta' ġestjoni u opinjoni tal-awditjar indipendenti li tkopri l-perjodu sħiħ ta' eliġibbiltà. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni mbagħad tivvaluta biss l-eliġibbiltà u x-xerqien tal-miżuri magħżula, li hija deroga mill-approċċ annwali applikat għal fondi taħt ġestjoni kondiviża <sup>(9)</sup>. Il-**Figura 2** tiddekrivi dan il-proċess, b'dati ewlenin.

*Figura 2*  
**Skeda ta' żmien għar-RAB**



Sors: il-QEA.

9. L-Istati Membri jkunu jirċievu EUR 4 biljun jew 80 % tal-fondi tar-riżerva permezz ta' prefinanzjament. Qabel ma jirċievu l-prefinanzjament l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni liema korpi jkunu responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tar-RAB, u lil liema korp jenħtieġ li jitħallas il-prefinanzjament. Filwaqt li l-livell ta' prefinanzjament huwa għoli b'mod mhux tas-soltu, huwa jippermetti lill-Istati Membri biex jirreaġixxu malajr għas-sitwazzjoni eċċezzjonali, u jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-pagamenti tal-bilanċ finali mhux se jsiru qabel tmiem l-2023 l-aktar kmieni.

<sup>(5)</sup> It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 322(1)(a).  
<sup>(6)</sup> Il-Parlament Ewropew — D300288 (20.1.2021).  
<sup>(7)</sup> Il-Kunsill — SGS 21/000201 (20.1.2021).  
<sup>(8)</sup> L-Artikolu 9 tal-proposta.  
<sup>(9)</sup> L-Artikolu 7(4): "B'deroga mill-paragrafi 5, 6 u 7 tal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, id-dokumenti msemmija f'dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati darba, skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament."

10. L-arkitektura tal-proposta tkun tilħaq l-objettiv li tipprovdi flessibilità lill-Istati Membri. Jekk ammonti sinifikanti tar-RAB isiru disponibbli permezz ta' prefinanzjament, l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu u jiġġieldu l-effetti negattivi tal-Brexit b'mod aktar effettiv. Il-proposta tistabbilixxi oqsma wiesgħa li fihom jista' jintuża l-finanzjament, mingħajr ma tiddefinimom ulterjorment, iżda l-Istati Membri jkollhom diskrezzjoni fir-rigward tat-tipi ta' proġetti jew miżuri li jkunu xtaqu jiffinanzjaw<sup>(10)</sup>.

11. Il-flessibilità pprovduta mir-RAB — b'mod partikolari n-nuqqas ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jinfurmaw b'mod uffiċjali lill-Kummissjoni dwar liema reġjuni, oqsma u setturi jistgħu jkunu l-aktar milquta u jiddeskrivu liema miżuri se jiġu ffinanzjati qabel isseħħ l-allokazzjoni tal-prefinanzjament — toħloq għadd ta' riskji assoċjati man-nuqqas ta' ċertezza. Ir-RAB għandha mnejn tintuża biex tappoġġa miżuri li mhumiex fil-fatt eliġibbli, sabiex il-Kummissjoni ma tagħtix rimborż sussegwenti tal-ispejjeż lill-Istati Membri. Barra minn hekk, il-miżuri magħżula jistgħu jkunu subottimali u jistgħu ma jiksbox l-objettiv intenzjonat tagħhom.

12. Il-proposta tkun teħtieġ li l-Istati Membri jikkonfermaw li fasslu deskrizzjonijiet tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom<sup>(11)</sup>. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-korpi u s-sistemi maħtura eżistenti diġà fis-seħħ għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE għall-iskopijiet tal-ġestjoni tar-riżerva. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jistabbilixxu sistemi ġodda hemm riskju li dawn jistgħu jkunu ineffettivi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fl-istadji bikrija tal-perjodu ta' eliġibbiltà, tivvaluta l-adegwatezza tagħhom biex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

#### *Awditjar u obbligu ta' rendikont*

13. Il-proposta tipprevedi korp tal-awditjar indipendenti f'kull Stat Membru biex jawditja s-sistema ta' ġestjoni u kontroll u jwettaq awditi tal-miżuri ffinanzjati<sup>(12)</sup>. Il-korp tal-awditjar għalhekk ikun attur ewlieni fl-għoti ta' aċċertament lill-Kummissjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri qegħdin jaħdmu b'mod effettiv u li n-nefqa hija legali u regolari. Madankollu, il-proposta hija nieqsa mid-dettal u minn definizzjonijiet ċari fir-rigward ta' ċerti elementi importanti, bħall-metodoloġija tal-kampjunar kif ukoll il-kwantifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji.

14. Dan in-nuqqas ta' ċarezza jista' ma jiżgurax approċċ tal-awditjar konsistenti u komparabbli fl-Istati Membri kollha, u b'hekk inaqqas l-aċċertament li l-Kummissjoni tista' tikseb minn xogħolhom u mill-opinjoni tal-awditjar tagħhom.

#### **It-Tieni Parti: Kummenti speċifiċi**

##### *Perjodu ta' eliġibbiltà*

15. Il-proposta tiddikjara li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni tal-miżuri għandu jkun minn Lulju 2020 sa Diċembru 2022<sup>(13)</sup>. Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni li l-proposta hija parti mit-tħejjija għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, li tibni fuq u tikkomplementa x-xogħol li sar mill-UE u l-Istati Membri fil-kuntest tal-miżuri ta' tħejjija meħuda matul in-negożjati tal-Brexit<sup>(14)</sup>.

16. Jenħtieġ li l-perjodu ta' eliġibbiltà jiffaċilita l-objettiv li r-RAB tintuża biex tappoġġa l-miżuri ta' tħejjija u tgħin biex jittaffa l-impatt ekonomiku tal-ħruġ tar-Renju Unit. Madankollu, il-proposta ma tidentifikax b'mod ċar ir-raġunament għall-perjodu ta' eliġibbiltà magħżul u lanqas ma teżamina l-adattezza tiegħu fir-rigward tal-objettivi ddikjarati.

##### *Kalkolu tal-prefinanzjament*

17. Il-metodoloġija magħżula u applikata mill-Kummissjoni għall-kalkolu ta' sehem l-Istati Membri mill-prefinanzjament hija bbażata fuq żewġ fatturi, il-kummerċ mar-Renju Unit u l-ħut maqbud fl-ilmijiet tar-Renju Unit. Permezz ta' din il-metodoloġija, il-Kummissjoni għandha l-għan li tipproduċi l-aqwa stima tal-impatt tal-Brexit fuq l-Istati Membri rispettivi. Madankollu, meta jitqiesu l-ħafna inċertezzi li għadhom assoċjati mal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit, inkluż il-moviment ta' setturi ta' attività ekonomiċi mir-Renju Unit lejn l-UE, hemm riskju li l-metodu ta' allokazzjoni magħżul jista' ma jirriflettix bis-sħiħ l-isponiment speċifiku tal-ekonomija ta' Stat Membru.

<sup>(10)</sup> L-Artikolu 5 tal-proposta.

<sup>(11)</sup> L-Artikolu 13(1) tal-proposta.

<sup>(12)</sup> L-Artikolu 13(4) tal-proposta.

<sup>(13)</sup> L-Artikoli 2(1) u 5(2) tal-proposta.

<sup>(14)</sup> Il-Premessa 7 tal-proposta.

### *Eliġibbiltà tan-nefqa*

18. Il-proposta tistabbilixxi li n-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk issir u titħallas matul il-perjodu ta' referenza <sup>(15)</sup>. Hija tipprevedi wkoll li l-kontribuzzjonijiet mir-riżerva għandhom jieħdu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż eliġibbli mġarrbin u mħallsin mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri <sup>(16)</sup>. Fil-fehma tagħna, il-proposta tippermetti interpretazzjonijiet differenti dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat aktar li l-ispejjeż jenħtieġ li jiġġarrbu u jitħallsu fi żmien il-perjodu ta' eliġibbiltà, kemm fil-livell tal-korpi maħtura kif ukoll f'dak tar-riċevituri finali.

### *Metodoloġija tal-kampjunar*

19. Il-proposta tagħti deskrizzjoni qasira tal-proċess għall-awditjar tal-miżuri ffinanzjati u tiddekrivi l-metodoloġija tal-kampjunar korrispondenti <sup>(17)</sup>. Fejn tippermetti metodu ta' kampjunar mhux statistiku, il-proposta tiddikjara li l-unitajiet tal-kampjunar iridu jkopru ċertu proporzjon tal-popolazzjoni għas-sena kontabilistika. Billi l-awditu tal-miżuri ffinanzjati għandu jkopri l-perjodu ta' eliġibbiltà kollu kemm hu, jiġifieri sentejn u nofs, ir-referenza għas-“sena kontabilistika” tidher inkonsistenti fi ħdan il-metodoloġija kumplessiva.

### *Taxxa fuq il-valur miżjud*

20. Skont il-proposta, ir-RAB ma tkunx tappoġġa t-taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(18)</sup>. Aħna nilqgħu l-approċċ propost għar-RAB li huwa f'konformità mar-rakkomandazzjoni, li ġiet espressa l-aħħar fl-analiżi rapida li wettaqna fl-2018 dwar kas speċifiku dwar ir-rimborż tal-VAT fil-qasam tal-Koeżjoni. Aħna rrakkomandajna li jiġi eskluż ir-rimborż tal-VAT lill-korpi pubbliċi mill-fondi tal-UE bħala mod kif jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni u jiġi żgurat użu aħjar tal-fondi tal-UE mill-perspettiva ta' ġestjoni finanzjarja tajba <sup>(19)</sup>.

### *Dikjarazzjoni ta' ġestjoni*

21. Il-proposta tkun tirrikjedi li l-Istati Membri jippreżentaw dikjarazzjoni ta' ġestjoni, l-opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar u rapport ta' implimentazzjoni (il-paragrafu 8) bħala parti mill-applikazzjonijiet tagħhom għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mir-RAB <sup>(20)</sup>. Aħna nosservaw li l-mudell għad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni, stabbilit fl-Anness II għall-proposta, ma jipprevedix dikjarazzjoni, mill-persuna inkarigata mill-ġestjoni tar-RAB, biex jiġi kkonfermat il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll. Din id-dikjarazzjoni hija meħtieġa mill-Artikolu 63(6)(c) tar-Regolament Finanzjarju. Innuqqas ta' tali dikjarazzjoni jkun jillimita l-aċċertament li tista' tipprovdi d-dikjarazzjoni. Dan ikollu wkoll implikazzjonijiet għall-opinjoni tal-awditjar, li normalment tkun tivvaluta l-preċiżjoni tad-dikjarazzjoni.

### *Rappurtar u evalwazzjoni*

22. Skont il-proposta, il-Kummissjoni tkun twettaq evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE għar-RAB <sup>(21)</sup>. Filwaqt li nirrikonoxxu li huwa importanti li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-reqwiżiti ta' monitoraġġ u l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, aħna nosservaw li l-applikazzjonijiet għal kontribuzzjonijiet finanzjarji jridu jinkludu valuri fuq l-indikaturi tal-output biss <sup>(22)</sup>. Għalkemm dawn l-indikaturi tal-output jistgħu jitkejju, kif ġie osservat qabel, huma jipprovdu biss informazzjoni limitata dwar jekk miżura kinitx effettiva fl-indirizzar tal-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit <sup>(23)</sup>. Barra minn hekk, il-proposta ma tirrikjedix li l-Istati Membri jstabbilixxu miri għall-indikaturi msemmija qabel, li se tagħmilha saħansitra aktar diffiċli li tiġi pprovduta valutazzjoni sinifikanti tal-effettività tar-RAB.

<sup>(15)</sup> L-Artikolu 5(2) tal-proposta.

<sup>(16)</sup> L-Artikolu 7(2) tal-proposta.

<sup>(17)</sup> L-Artikolu 13(4) tal-proposta.

<sup>(18)</sup> L-Artikolu 6(a) tal-proposta.

<sup>(19)</sup> Analiżi rapida dwar każ speċifiku: “Rimborż tal-VAT fil-qasam tal-Koeżjoni — użu tal-fondi tal-UE li huwa suxxettibbli għall-iżbalji u li mhux ottimu”, Novembru 2018.

<sup>(20)</sup> L-Artikolu 10(1)(2) tal-proposta.

<sup>(21)</sup> L-Artikolu 16 tal-proposta.

<sup>(22)</sup> L-Anness II tal-proposta.

<sup>(23)</sup> Ir-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE — Status fi tmiem l-2019, il-paragrafu 4.19: “L-indikaturi tal-output għandhom rabta diretta mal-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit tal-UE, iżda f'it li xejn jipprovdu informazzjoni dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika”.



23. Skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, riżultati robusti u affidabbli jistgħu jinkisbu biss permezz ta' evalwazzjonijiet oġġettivi indipendenti <sup>(24)</sup>. Filwaqt li l-proposta tipprevedi evalwazzjoni sħiħa tar-RAB, li twassal għal rapport li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2027, hija ma tiddikjarax b'mod espliċitu li l-evalwazzjoni tkun indipendenti.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Qorti tal-Awdituri fil-Lussemburgu, fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Frar 2021.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*Il-President*

---

<sup>(24)</sup> SWD(2017) 350 final tas-7 ta' Mejju 2017, p. 53.





ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
L-2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**